Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2018**
**(OR. en)**

**7968/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0094(NLE)**

**WTO 72**
**SERVICES 21**
**COASI 89**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore<br>– Adozzjoni<br>Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore<br>– Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fit-18 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:

   a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (dok. 7966/18 + ADD 1-13); u

   b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (dok. 7967/18 + ADD 1-13).

2. Il-proposti ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali fil-laqgħat tiegħu tal-20 ta' April, is-27 ta' April, it-8 ta' Mejju u t-18 ta' Mejju 2018, kif modifikati, biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

3. Għalhekk, soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill hu mistieden biex:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u mniżżel fid-dokumenti 7970/18 WTO 74 SERVICES 23 COASI 91 u 7972/18 WTO 76 SERVICES 25 COASI 93 + ADD 1 - 5;

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;

- jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u mniżżel fid-dokumenti 7971/18 WTO 75 SERVICES 24 COASI 92 u 7972/18 WTO 76 SERVICES 25 COASI 93 + ADD 1 - 5, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.